MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 61/2014

**Joseph Farrugia**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

It-Tribunal,

Ra r-Rikors ta' Joseph Farrugiaipprezentat fit-30 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*“ Illi l-esponenti huwa impjegat tas-socjeta’ intimata. Illi huwa kien gie sospiz mix-xoghol tieghu pendenti kumpilazzjoni kriminali kontra tieghu u ohrajn dwar allegat serq fost affarijiet ohra li sehh fid-19 ta’ Settembru 2006;*

*Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) l-esponenti ma’ ohrajn gie illiberat minn kull akkuza kriminali lilu addebitata;*

*Illi permezz ta’ avviz mibghut lilu mill-intimati, l-esponenti fit-28 ta’ April 2014, gie mgharraf mill-intimati li minkejja l-ezitu fil-process penali, huwa kien qed jigi akkuzat quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina fi hdan il-Korporazzjoni intimata;*

*Illi l-ftehim kollettiv li jirregola l-impjieg tar-rikorrenti jistipula terminu preskrittiv ta’ sena minn meta jkun sehh l-allegat ksur;*

*Illi minkejja t-trapass ta’ circa seba’ (7) snin, l-imsemmi Bord, f’decizjoni preliminari li ha dwar il-preskrizzjoni datata 17 ta’ Lulju 2014, naqas milli jilqa’ l-istess eccezzjoni sollevata mill-esponenti meta din il-kwistjoni hija bid-dovut rispett tant ovvja;*

*Illi d-decizjoni msemmija u li ttiehdet minn Bord fi hdan il-Korporazzjoni intimata hija wahda ghal kollox skorretta u tmur sia kontra l-ftehim kollettiv u anke hija guridikament skorretta in kwantu xi tip ta’ terminu preskrittiv ghal kwalsiasi azzjoni legalment ghandu jigi addottat minn min ikun qed jiddeciedi kwistjonijiet bhal dawn. Illi r-rikorrenti jikkontendi li l-istitut tal-preskrizzjoni mhux xi haga diskrezzjonali kif donnu ta x’jifhem il-Bord fid-decizjoni li ha;*

*Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex ai termini tal-Art. 15 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddikjara li llum-il gurnata kull azzjoni ta’ dixxiplina kontra l-esponenti mill-Korporazzjoni intimata hija preskritta bit-terminu ta’ sena u jew taghti kull provvediment iehor opportun fic-cirkostanzi.”*

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta ipprezentata fis-26 ta’ Awissu 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*“*

1) *Illi r-rikorrent Joseph Farrugia huwa impjegat tal-Korporazzjoni Enemalta li kien gie sospiz mix-xoghol tieghu permezz ta’ ittra, datata 20 ta’ Settembru 2006, li giet mibghuta lilu mill-Korporazzjoni intimata (Dok. ‘A’), u dan wara li fis-16 ta’ Settembru 2006 flimkien ma’ ohrajn huwa kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati u akkuzat inter alia b’serq ghad-detriment tal-istess Korporazzjoni;*

2) *Illi permezz ta’ ittra mibghuta mill-Korporazzjoni intimata, datata 20 ta’ Settembru 2006 (Dok. ‘B’), ir-rikorrent kien infurmat li kienu ser jittiehdu passi dixxiplinaji*

*kontrih u ghalhekk inghata hamest (5) ijiem cans biex jaghti r-ragunijiet tieghu bil-miktub sabiex jiskolpa lilu nnifsu;*

3) *Illi permezz ta' ittra datata 22 ta' Settembru 2006 (Dok. 'C'), mibghuta mill-Avukat tal-fiducja tar-rikorrent, l-istess rikorrent informa lill-Korporazzjoni intimata li f'dan l-istadju, u cioe' peress li kien ghaddej proceduri kriminali u ghalhekk kien prezunt innocenti, huwa ghazel li ma jipprezentax statement of facts. Di fatti, ir-rikorrent baqa' qatt ma prezenta risposta in propozitu biex jiskolpa lilu nnifsu. Ghalhekk kien ir-rikorrent stess li indirettament talab sabiex il-proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghu jigu sospizi;*

4) *Illi sussegwement, permezz ta' ittra mibghuta mill-Korporazzjoni intimata, datata 27 ta' Ottubru 2006 (Dok. 'D), ir-rikorrent kien gie infurmat li l-proceduri fil-konfront tieghu kienu qieghdin jigu sospizi;*

5) *Illi permezz ta' ittra mibghuta lir-rikorrent mill-Korporazzjoni intimata (Dok. 'E'), huwa gie informat li l-proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghu kienu ser jitkomplew;*

6) *Illi permezz ta' ittra datata 28 t'April 2014 (Dok 'F'), ir-rikorrent gie informat bid-data ta' meta kien ser jitkompla l-process dixxiplinarju kif ukoll bl-akkuzi relattivi;*

7) *Illi meta tkomplew dawn il-proceduri, ir-rikorrent qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u sussegwentement il-Bord ta decizjoni preliminari li giet annessa mar-rikors promutur;*

8) *Illi l-Bord ghazel li jaghti d-decizjoni finali tieghu fi stadju ulterjuri, u ghalhekk – bid-dovut rispett – dan it-Tribunal ma jistghax jiddeciedi fuq kwistjoni li ghada pendenti u ma gietx deciza b'mod finali;*

9) *Illi r-relazzjoni industrijali ta' bejn ir-rikorrent u l-Korporazzjoni hija regolata bi Ftehim Kollettiv, u l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent, ossia li l-proceduri ta' dixxiplina odjerni huma preskritti bi zmien sena, tohrog minn klawsola numru 9.1.5 tal-istess Ftehim Kollettiv, li tghid hekk:*

> *"Id-dritt ta' kull klejm mill-Korporazzjoni kontra impjegat **jista'** jintilef wara li tghaddi sena (1) minn meta l-offiza tkun twasslet ghall-attenzjoni tal-Manigment, sakemm l-offiza msemmija ma tmurx kontra l-ligijiet ta' Malta"*

10) *Illi bid-dovut rispett, din il-klawsola taghmilha cara li z-zmien stipulat ta' sena jista' jintilef, u ghalhekk huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord Dixxiplinarju jekk jaghzilx li jilqa' din l-eccezzjoni preliminari jew le. Jidher li l-klawsola succitata hija miktuba b'dan il-mod biex taghti lok lill-Bord jilqa' l-eccezzjoni o meno ghab-bazi tal-gravita` tal-kaz. Jidher illi kien propju ghalhekk illi l-Bord irrizerva li jaghti decizjoni dwar din it-talba fi stadju ulterjuri, proprju biex ikun aktar konsapevoli dwar il-fatti tal-kaz u l-portata tal-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent;*

11) *Illi di fatti, l-istess Bord Dixxiplinarju talab lill-partijiet jippreparaw nota dwar il-fatti tal-kaz, u dan sabiex ikun f'posizzjoni li jevalwa l-gravita` tal-kaz biex ikun jista' jasal ghal decizjoni gusta jekk ghandux jiddikjara o meno l-proceduri bhala preskritti;*

12) *Illi in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni intimata tiddikjara li t-talba tar-rikorrent, u cioe' sabiex dan it-Tribunal jiddikjara li llum l-gurnata kull azzjoni ta' dixxiplina kontra r-rikorrent mill-Korporazzjoni Enemalta hija preskritta, hija kompletament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

13) *Illi semmai, r-rikorrent ghandu jipprova fuq liema bazi legali qieghed jargumenta li tali passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu huma preskritti.*

14) *Illi dan kollu premess ser jigi pruvat fil-mori ta' din il-kawza;*
15) *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra n-noti tal-partijiet dwar il-kwistjoni tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jitratta u jiddeciedi t-talba rikorrenti;

Ra d-digriet tieghu tas-17 ta' Marzu 2015;

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' April 2015 waqt liema seduta it-Tribunal issolleva *ex officio* l-eccezzjoni dwar il-kompetenza tieghu *vis-a-vis* t-talba tar-rikorrenti;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-eccezzjoni sollevata minn dan it-Tribunal dwar jekk hux kompetenti o meno li jitratta u jiddeciedi t-talba rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina fi hdan il-Korporazzjoni intimata li permezz taghha naqas milli jilqa' eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mir-rikorrenti. Ghaldaqstant talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li llum il-gurnata kull azzjoni ta' dixxiplina kontra tieghu mill-Korporazzjoni intimata hija preskritta bit-terminu ta' sena u/jew jaghti kull provvediment iehor opportun fic-cirkostanzi.

Illi minn ezami tad-decizjoni msemmija, datata 17 ta' Lulju 2014, u li tinsab esebita a fol. 3 tal-process, jirrizulta illi l-Bord ta' Dixxiplina iddecieda s-segwenti u cioe`:-

***"Decizjoni Preliminari dwar il-Preskrizzjoni***

*Il-Bord analizza bir-reqqa l-argumenti kif imressqa miz-zewg partijiet, u dan fid-dawl tal-proceduri ta' dixxiplina kif jistipula l-Ftehim Kollettiv b'mod partikolari artikolu 9.1.5.*

*Fic-cirkostanzi kif inhu inkwadrat fihom dan il-kaz, il-Bord iddecieda li f'dan l-istadju ma jippronuncjax ruhu dwar il-punt ta' preskrizzjoni izda jaghti d-decizjoni tieghu fi stadju ulterjuri.*

*Il-Bord jordna il-procediment tas-smiegh ta' dawn il-kaz."*

Illi minn estratt tal-Ftehim Kollettiv tal-Korporazzjoni Enemalta, esebit mar-risposta tal-istess Korporazzjoni,[1] jirrizulta illi ai termini tal-klawsola 9.1.5 *"Id-dritt ta' kull klejm mill-Korporazzjoni kontra impjegat jista' jintilef wara li tghaddi sena (1) minn meta l-offiza tkun twasslet ghall-attenzjoni tal-Manigment, sakemm l-offiza msemmija ma tmurx kontra l-ligijiet ta' Malta."*

Illi fis-seduta tal-21 ta' April 2015 dan it-Tribunal hass li kellu jqajjem *ex officio* l-eccezzjoni tal-inkompetenza tieghu biex jezamina u jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrenti.

Illi a skans ta' kull ekwivoku, irid jinghad illi l-eccezzjoni ta' inkompetenza *ratione materiae* hija wahda ta' ordni pubbliku u l-Qorti, kif *del resto* anke dan it-Tribunal, ghandha d-dover li tissolleva tali eccezzjoni *ex officio*. Di piu` kif inghad minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, fis-sentenza **Massimo Cremona vs Kummissarju tat-Taxxi** deciza fl-20 ta' Marzu 2012 *"Fil-kaz in ezami huwa xieraq u necessarju li l-kwestjoni dwar jekk it-Tribunal ghandux*

[1] A fol. 15

*gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jitratta l-kaz intavolat quddiemu mir-Rikorrent, tigi deciza qabel ma jigi trattat il-mertu proprio tal-kaz."*[2]

Illi dak li qieghed jattakka r-rikorrent bil-proceduri odjerni hija decizjoni ta' Bord ta' Dixxiplina li ghazel li ma jippronunzjax ruhu dwar il-materja ta' preskrizzjoni meta din il-kwistjoni giet sollevata quddiemu izda li jaghti d-decizjoni fuq l-istess materja fi stadju ulterjuri.

Illi dan it-Tribunal gie kostitwit permezz tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta) biex jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika. Illi l-kompetenza tal-istess Tribunal temani minn artikolu 5, 7 u 25 (2) tal-istess Att. Artikolu 5 jiddisponi illi *"qieghed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti w imparzjali, li jkun maghruf bhala t-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta' l-ezercizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-ligi, jew taht din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att. It-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva jkollu* ***l****-komptenza li jirrivedi atti amministrattivi."* Artikolu 7 min-naha l-ohra jipprovdi illi *"it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima."*

Illi jekk imbaghad wiehed jara artikolu 25 (2) isib illi mad-dhul fis-sehh tal-istess Att, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kellu jkollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunali amministrattivi msemmija fil-liġijiet elenkati fit-Tielet Skeda, qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess ligi. Illi madankollu jirrizulta li l-imsemmija Tielet Skeda giet imhollija barra taħt l-Att tal-1980

[2] Ara wkoll John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe, Appell Civili Nru. 23/99, deciza mill-Bord Li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003 - *l-inkompetenza hi sollevabbli 'ex officio' meta ghar-raguni ta' materja l-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal adit (Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1957; Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana, Appell Civili, 27 ta' Marzu 1981). Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta' ordni pubbliku (Vol. XXIX pII p468), u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet (Carmelo Degiorgio nomine v. George Farrugia, Appell Civili, 8 ta' Mejju 1981)*

dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji u l-emendi li kien hemm fl-Iskeda ġew inkorporati fil-leġislazzjoni relattiva. Hekk perezempju wiehed isib dritt ta' appell f'certi cirkostanzi minn decizjoniet tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta[3], minn decizjonijiet tat-*Transfer of Residence Exemptions Board*[4], u minn decizjonijiet tal-Awtorita` Maltija Dwar ir-Rizorsi,[5] fost ohrajn.

Illi minn ezami li ghamel dan it-Tribunal tal-Att Dwar l-Enemalta (Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jirrizulta minn imkien illi jezisti xi dritt ta' appell ghal quddiem dan it-Tribunal sabiex jigu riveduti decizijonijiet li jistghu jittiehdu mill-istess Korporazzjoni jew inkella minn xi organu iehor taht il-kappa taghha bhal ma hu l-Bord ta' Dixxiplina.

Illi dan it-Tribunal irid jimxi u jopera fil-parametri tal-ligi li holqitu u ma jistghax jezamina u jirrevedi atti jew decizjonijiet li ma jkunx inghata s-setgha li jirrevedi.

Illi, pero`, iktar minn hekk, anke kieku ghall-grazzja tal-argument, dan it-Tribunal kien kompetenti li jirrevedi d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, il-poteri moghtija lill-istess Tribunal huma biss ta' revizjoni **u mhux ta' bdil ta' decizjoni.** Dan it-Tribunal ma jistghax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni pubblika bid-diskrezzjoni tieghu. Allura dan it-Tribunal, anke minn dan il-lat, huwa inkompetenti li jaghmel dikjarazzjoni kif mitluba mir-rikorrenti u cioe` li jiddikjara li kull azzjoni ta' dixxiplina kontra l-esponenti mill-Korporazzjoni intimata hija preskritta.

**DECIDE**

---

[3] Artikolu 40 tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta
[4] Regolament 4 (10) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01
[5] Artikolu34 tal- Kaptiolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jiddikjara lilu nnifsu inkompetenti *rationae materiae* li jiehu konjizzjoni u jiddeciedi t-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------